

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali*

**2006/2018(BUD)**

12.9.2006

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali

fisem il-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2007  
(C6-0000/2006 - 2006/2018(BUD))

Taqsimha III - Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Marc Tarabella

PA\_NonLeg

## PROPOSTI

Il-Kumitat għall-biedja u għall-iżvilupp rurali jistieden lill-Kumitat għall-baġits bħala l-kumitat responsabbli mill-Fond sabiex jinkludi l-proposti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-2007 hija sena kruċjali, minħabba li se tkun l-ewwel sena li matulha se tiġi implimentata r-riforma kollha tal-Politika Komuni għall-Agricoltura (PKA) speċjalment fis-settur tal-ħalib, u se tiġi introdotta r-riforma taz-zokkor; ifakkar li din se tkun l-ewwel sena finanzjarja li se tinkludi lill-Bulgarija u lir-Rumanija; jenfasizza li l-impatt finanzjarju se jkun minkejja kollox limitat għan-nefqa tas-suq, minħabba li l-impatt ta' l-għajjniet diretti mhumiex se jinħassu qabel l-2008;
2. Jiddispaċih illi fuq bażi ta' kontabbiltà esklussiva, u fin-nuqqas ta' viżjoni komuni ċara dwar il-futur ta' l-agricoltura, u mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet espressi mill-Parlament, il-Kunsill qed jimplementa tnaqqsi lineari drastiku tan-nefqa tas-suq ta' 525 miljun EUR; iqis li dan it-tnaqqis b'mod indirett jitfa' dell fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fi Brussell li kien iddeċieda l-evoluzzjoni ta' l-ammonti massimi disponibbli għall-appoġġ tas-suq u għad-dħul sa l-2013;
3. Iqis li l-għażla tat-tnaqqis ta' l-ammonti previsti għall-agricoltura mhijiex ibbażata fuq l-ebda viżjoni ċara u għalhekk jitlob li jitwaqqfu mill-ġdid il-linji preliminari ta' l-abbozz tal-baġit;
4. Ifakkar li anke jekk il-ftehim tal-Kunsill Ewropew tipprovdi għal żieda fil-prezzijiet kurrenti ta' l-euro ta 1% fis-sena għal perjodu 2007-2013, dan diġà huwa tnaqqis f'termini reali (jekk wieħed jassumi inflazzjoni ta' 2% jew aktar), fi żmien meta jridu jiġi kkunsidrati żewġ Stati Membri ġodda b'setturi agricoli kbar;
5. Jilqa' l-fatt li ma kienx meħtieġ għall-baġit ta' l-2007, li wieħed jirrikori għal sistemi ta' dixxiplina finanzjarja skond liema għandu jkun hemm tnaqqis fl-għajjnuna diretta (mingħajr limitu minimu ta' EUR 5000) fil-każ li jkun hemm riskju li jinqabżu l-limiti massimi tal-baġit annwali, miżura li kienet tagħmel ħafna ħsara lill-familji li għandhom intrapriżi tal-biedja żgħar; madanakollu jitlob li fil-futur, il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament kmieni fil-kalendarju tal-baġit, dwar ir-riskji li jinqabżu l-limiti massimi;
6. Jiddispaċih li minkejja l-bżonnijiet importanti għar-ristrutturazzjoni, għall-immodernizzar u għad-diversifikazzjoni ta' l-ekonomiji rurali, u l-assenjazzjoni ta' funzjonijiet ġodda, ir-riżorsi allokatati għall-iżvilupp rurali fl-Ewropa ta' 27. se jkunu f'termini konkreti, inqas minn dawk ta' l-Unjoni 25;
7. Jiddispaċih għall-fatt li l-ammonti għall-modulazzjoni obbligatorja li skond ir-riforma ta' l-2003 għandha tkun miżura addizzjonali ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali, filfatt qed iservu bħala (b'mod parzjali ħafna) kumpens għat-tnaqqis tal-baġit;
8. Jixtieq li jkun hemm bi qbil mar-rizzoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2005 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill, appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEIR)<sup>1</sup>, għal ammonti allokatati taħt il-modulazzjoni obbligatorja li jridu jintużaw għal proġetti relatati ma' l-Axes I u II,

<sup>1</sup> ĠU C 124 E tal-25.5.2006, p.191.

speċjalment għal bdiewa żgħażaġh u għal reġjuni żvantaġġati, minbarra pagamenti relatati ma' NATURA 2000;

9. Jinnota li bit-twaqqif ta' l-FAEIR, mhux se jkun aktar possibbli li jiġu akkwistati f'termini baġitarji, ammonti għal kull kategorija ta' miżuri għal żvilupp rurali, kif kien il-każ fil-passat għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG); jitlob għalhekk lill-Kummissjoni tirrapporta kull sitt xhur lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali dwar l-eżekuzzjoni tan-nefqa relatata ma' l-FAEIR għal kull Stat Membru u għal kull kategorija;
10. Jirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni li tippermetti lill-Istati Membri jużaw sa 20% mill-ammont ta' l-ewwel pilastru sabiex jiġi ffinanzjat l-iżvilupp rurali, minħabba li dan jikser il-prerogattivi baġitarji tal-Parlament u jista' jfisser il-bidu ta' nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-PKA; huwa mħasseb dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' miżura bħal din li tista' tevita r-regoli għall-kofinanzjament stabbiliti għall-ispejjeż relatati ma' l-iżvilupp rurali; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tikkomunika mal-Parlament bejn l-ewwel u t-tieni qari x'opinjoni lesta tiegħu rigward il-vjolażżjonijiet tal-prerogattivi baġitarji tal-Parlament meta tistabbilixxi l-baġits annwali u jekk din il-proposta preżenti dwar modulazzjoni volontarja għandiex konsegwenzi għall-klassifikazzjoni tan-nefqa kif definita fl-Anness III tal-ftehma interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja<sup>1</sup> tajba minħabba li din timplika tnaqqis ta' l-ispejjeż obligatorji u ż-żieda ta' l-ispejjeż mhux obligatorji; jinnota li din is-sitwazzjoni jista' jkollha impatt fuq il-kejl tar-Rata Massima taż-Żieda (RMŻ), li tkejjel u tiżgura l-livell tan-nefqa mhux obligatorja fil-baġits annwali, li fuqhom il-Parlament normalment għandu l-aħħar kelma;
11. Jenfasizza li permezz ta' l-istruttura l-ġdida tal-qafas finanzjarju għall-perjodu 2007-2013, l-ewwel u t-tieni pilastru, li qabel kienu l-intestaturi 1A u 1B, waqfu jeżistu u preżentement ingħaqdu fl-Intestatura 2; jinnota li dan il-fatt jiftaħ il-possibbiltà ta' trasferimenti bejn fuq naħa waħda l-għajnuniet diretti u l-ispejjeż tas-suq u minn naħa l-oħra l-miżuri għall-iżvilupp rurali; huwa ta' l-opinjoni li issa ma hemm xejn li jżomm l-ammonti li ma ntefqux taħt l-ewwel pilastru preċedenti milli jiġu trasferiti għat-tieni pilastru preċedenti u għalhekk jitlob li trasferiment bħal dan għandu jseħħ fl-aħħar tas-sena finanzjarja 2007;
12. Jemmen li għall-koerenza u l-konsistenza ma' kampanji għas-saħħa, partikolarment fil-ġlieda kontra l-obeżità, hemm bżonn li jsir sforz għall-promozzjoni ġenwina għall-konsum tal-frott u l-ħaxix; jitlob għal darb'oħra mill-perspettiva ta' koerenza mal-politika għas-saħħa, għal sforzi akbar għall-konsum tal-ħalib u ta' l-għasel speċjalment fost it-tfal ta' l-iskola; jiddispjaċih għalhekk li t-tnaqqis tal-Kummissjoni u l-Kunsill għall-programm tad-distribuzzjoni tal-ħalib fl-iskejjel kif propost fl-abbozz preliminari tal-baġit u fl-abbozz tal-baġit għall-2007, u jqis li l-punt baġitarju nru 05 02 12 08 għandu jkun fl-istess livell bħal dak ta' l-2006;
13. Jiddispjaċih għat-tnaqqis fil-linji baġitarji għall-promozzjoni, sakemm din l-attività, speċjalment għall-prodotti ta' kwalità, qed issir essenzjali sabiex jinżamm jew jerġa jintrebaħ is-suq u sakemm l-attivitajiet għall-promozzjoni jingħataw irwol aktar ċentrali fil-PKA irriformata, li tpoġġi importanza ikbar fuq l-orjentazzjoni tas-suq; għalhekk jitlob

<sup>1</sup> ĠU C 139 ta' l-14.6.2006, p.1.

- li l-ammonti allokati għal dawk il-linji baġitarji jinżammu għall-inqas fil-livelli ta' l-2006.
14. Jitlob b'kunsiderazzjoni għar-regoli l-ġodda dwar miżuri ta' appoġġ eċċezzjonali għas-suq tal-laħam tat-tjur u tal-bajd, għal-linja baġitarja li għaliha ma hemmx ammont previst preżentement (p.m) li jkun allokati għaliha ammont biżżejjed li jkopri l-ispejjeż għall-2007;
  15. Iqis li l-appropriazzjonijiet allokati għas-settur tal-ħalib, speċjalment għar-rimborżi, mhumiex biżżejjed biex ikopru l-bżonnijiet reali u għalhekk jitlob li jiġu allokati ammonti realistiċi għal-linji baġitarji kkonċernati,
  16. Iqis li quddiem l-inċidenza dejjem tikber tal-povertà anke fil-fruntieri ta' l-Unjoni, għandhom jiġu msaħħa l-programmi għal dawk l-iktar żvantaġġati; jemmen li 'l barra mill-fruntieri Ewropej, anke jekk il-povertà qed tonqos f'termini globali, għad hemm bżonnijiet kbar, speċjalment fejn jidhru l-ikel, u li għalhekk hemm bżonn li jintbagħat messaġġ politiku ċar ta' solidarjetà permezz ta' l-infurzar xieraq tal-linja baġitarja għall-għajjnuna għall-ikel;
  17. Jiddispjaċih għat-tnaqqis tal-Kummissjoni u tal-Kunsill għal-linja baġitarja 05 08 06, relatata mal-politika li ssaħħaħ il-kuxjenza għall-politika komuni għall-agrikoltura u jqis li dingħandha tkun fuq l-istess livell tal-baġit ta' l-2006;
  18. Iqis li f'dan il-kuntest ta' tnedija ta' qafas finanzjarju ġdid u tal-baġit 2007, għandhom jinstitabu strumenti - kif ukoll riżorsi finanzjarji meħtieġa - li jappoġġjaw u jippromwovu intrapriżi agrikoli familjali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissottometti proposta għal dan il-għan;
  19. Jinsisti fuq il-bżonn li sseħħ riforma tal-Politika Komuni għall-Agricoltura (PKA) li twassal għal aġġustament ġenwin u li tillimita l-ammonti massimi ta' l-għajjnuna agrikola, bil-ħsieb li tiggarrantixxi li l-għajjnuna hija mqassma b'mod ġust bejn produtturi, prodotti u pajjiżi;
  20. Jemmen li l-importanza ta' ċerti forom ta' għajjnuna diretta hija tant li hemm bżonn li jiżdiedu l-ammonti tagħhom, sabiex jinnewtralizzaw l-impatt tal-modulazzjoni ta' 4% u sabiex jidhru fil-baġit linji baġitarji li jikkorrispondu mal-bżonnijiet stmati mill-Kummissjoni qabel hija timplimenta t-tnaqqis marbut mal-modulazzjoni;
  21. Jirakkomanda ż-żamma tas-somma allokata sabiex tiffinanzja kampanji ta' informazzjoni, speċjalment minħabba li d-dħul ta' żewġ Stati Membri ġodda fejn l-agrikoltura għad għandha irwol importanti ħafna, se jżid l-ispejjeż mhux inaqqashom;
  22. Jitlob li jiżdied l-isforz rigward l-informazzjoni dwar u l-promozzjoni tal-benesseri ta' l-annimali, kemm sabiex jinkoraġġixxi lill-konsumaturi jippreferu prodotti agrikoli favur il-benesseri ta' l-annimali u kemm sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' paniku bħal dawk li seħħew fil-każ ta' l-influenza agrarja u l-waqa' fid-domanda li rriżultat f'xi każi f'ċerti Stati Membri;
  23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jantiċipaw mezzi biżżejjed għar-riċerka u għall-provvista ta' vaċċini kontra l-mard ta' l-annimali, speċjalment bil-wasla ta' diversi tipi ta' virus li ma kinux magħrufa qabel fl-Unjoni;
  24. Jitlob għal żieda fl-appropriazzjonijiet bil-ħsieb li jissaħħu l-kontrolli fuq produzzjoni importata bil-għan li jkun ivverifikat jekk dawn humiex konformi mal-kundizzjonijiet għall-produzzjoni kollha ta' l-Unjoni u jekk l-ittikkettar hux korrett speċjalment bil-għan

li jinfurmaw lill-konsumatur dwar l-oriġini tal-prodott;

25. Jenfasizza l-irwol importanti li s-settur agrikolu jista' jkollu fil-konservazzjoni tal-pajsaġġ tradizzjonali u ta' l-ambjent u għall-provvista ta' enerġija mġedda; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jappoġġjaw il-bidu ta' proġett pilota ta' riċerka dwar possibiltajiet li jstimulaw miżuri li jtejjbu l-effiċjenza ta' l-enerġija fis-setturi ta' l-agrikoltura u l-ortikultura;
26. Jiddispjaċih għas-sospensjoni preżenti tan-negozjati ma' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ; jiddispjaċih ukoll għall-fatt li l-Unjoni Ewropea sa issa ma kinetx kapaċi tagħmel progress fir-rikonossiment ta' kunsiderazzjonijiet oħra kif deskritta mill-Ordni Kummerċjali fil-mandat mogħti lill-Kummissjoni Ewropea mill-Kunsill Ewropew; jinnota li r-rikonossiment ta' kunsiderazzjonijiet oħra ta' l-Ordni Kummerċjali jista' jippermetti tfaddil konsiderevoli mill-baġit għall-biedja futur, minħabba li dan jagħmel tajjeb għal ċerta dispożizzjonijiet leġislattivi Komunitarji li huma superfluwi.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 Taqsima III - Kummissjoni		
<b>Numru tal-Proċedura</b>	2006/2018(BUD)		
<b>Kumitat responsabbli</b>	BUDG		
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI		
<b>Koperazzjoni aktar mill-qrib - Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	--		
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Marc Tarabella 29.11.2005		
<b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>	--		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	30.5.2006	21.6.2006	12.9.2006
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	12.9.2006		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	33 -- --	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marie-Hélène Aubert, Peter Baco, Thijs Berman, Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, Giuseppe Castiglione, Joseph Daul, Albert Deß, Carmen Fraga Estévez, Duarte Freitas, Jean-Claude Fruteau, Lutz Goepel, Bogdan Golik, Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Elisabeth Jeggle, Heinz Kindermann, Stéphane Le Foll, Kartika Tamara Liotard, Albert Jan Maat, Mairead McGuinness, Rosa Miguélez Ramos, Neil Parish, María Isabel Salinas García, Agnes Schierhuber, Csaba Sándor Tabajdi, Marc Tarabella, Kyösti Virrankoski, Janusz Wojciechowski		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	María del Pilar Ayuso González, Bernadette Bourzai, Ilda Figueiredo, Jan Mulder, Armando Veneto		
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2))preżenti għall-votazzjoni finali</b>	--		
<b>Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)</b>	--		